MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 79/2008

**Charles Grech & Co. Ltd. (C2473)**

**Vs**

**New Orleans Company Limited (C 29233)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannatha thallas is-somma ta' elf seba' mija sebgha u tmenin Euro u tnejn u tletin centezmu (€1,787.32) rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju 2007, u bl-imghax legali konteggjat mit-2 ta' Settembru 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjetà konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta giet notifikata permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni u l-pubblikazzjoni bl-Avviz tat-Talba u bl-avviz tas-smigh tas-seduta, ma ikkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li ebda rapprezentant tas-socjetà konvenuta ma deher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk tali Kapitolu ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma ta’ elf seba’ mija sebgha u tmenin Euro u tnejn u tletin centezmu (€1,787.32), bl-imghax legali kif mitlub. L-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 16 ta’ Lulju 2007, huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------